**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

---

GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 6 | 20 | 6 | 8 | 8 | 14 | 18 | 20 | 100 |
| **Marki ta' l-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# L-ISTORJA TAL-QROLL

Imxerrdin fl-ibħra tropikali nsibu wħud mill-ekosistemi l-aktar importanti tad-dinja u dawn huma l-iskollijiet tal-qroll (*coral reefs*). Fihom u madwarhom jgħix kwart ta' l-ispeċi kollha tal-baħar. (*par. 1*)

L-iskollijiet tal-qroll għandhom diversi funzjonijiet. Dawn jipprovdu ikel u kenn għal eluf ta' speċi ta' ħut u ħlejjaq oħrajn. Barra minn hekk dawn l-iskollijiet li s-soltu jkunu qrib ix-xatt jiffurmaw bħal ħajt li jipproteġi x-xtut milli jitmermru mill-qilla tal-mewġ. (*par. 2*)

Il-qroll huwa sensittiv ħafna għall-bidliet ambjentali. Per eżempju, meta jsir żvilupp matul ix-xatt, spiss jirriżulta li fertilizzanti u sedimenti mill-art jinġarru mix-xatt u jispiċċaw fil-baħar. Dan iwassal biex l-ilma jiddardar u, peress li l-qroll jiddependi mid-dawl tax-xemx biex jgħix, dan jimrad, jitlef il-kulur, jibjad u jmut fi ftit ta' snin. (*par. 3*)

Theddida oħra hija s-sajd esaġerat. Aktar ma tiżdied il-popolazzjoni fid-dinja, aktar qiegħed jinqabad ħut minn madwar l-iskollijiet. Periklu ieħor huwa l-qbid tal-ħut għall-akkwarji. Peress li ħafna ħut li jgħix ma' l-iskollijiet tal-qroll huwa fost l-isbaħ u l-aktar imlewwen fid-dinja, ħafna qbid ta' ħut tropikali jsir proprju f'dawn l-ilmijiet. Il-qroll huwa wkoll imfittex għaliex għandu forom u kuluri sbieħ u huwa spiss ikun fil-mira ta' min iqaċċat minnu bl-addoċċ biex ibigħu. Il-ħasra hija li l-qroll jieħu ħafna snin biex jifforma u min huwa rgħib għall-flus spiss jagħmel ħerba minn dan l-ambjent delikat. (*par. 4*)

L-iskollijiet tal-qroll huma famużi għall-ġmiel u l-ħajja li fihom, għalhekk jipprovdu attrazzjoni kbira. Fil-fatt, fir-reġjun fejn jinsabu l-iskollijiet, it-turiżmu huwa sors importanti ħafna għan-nies ta' l-inħawi. It-turisti jiġu bil-gzuz biex jgħoddsu ħalli jaraw din il-meravilja tan-natura. Huwa importanti iżda li r-reġjuni fejn hemm dawn l-iskollijiet tal-qroll jiffukaw fuq l-ekoturiżmu, jiġifieri turiżmu li jirrispetta l-ambjent. B'hekk il-futur tal-qroll ikun aktar sostenibbli u pożittiv. (*par. 5*)

(Addattament minn artiklu ta' Elisabeth Conrad li deher f'*Il-Ħuttafa*, Jannar – Frar 2001)

## A. FEHIM IT-TEST (6 marki)

1.Fejn insibuhom imxerrdin l-iskollijiet tal-qroll? ________________________________________

______________________________________________________________________________ (1)

2. Mit-tieni paragrafu semmi funzjoni waħda li għandhom l-iskollijiet tal-qroll.

______________________________________________________________________(1)

3. X' jiġrilu l-qroll jekk l-ilma jiddardar mill-ħmieġ li jinġarr mix-xita? ______________________

______________________________________________________________________(1)

4. Semmi theddida oħra li qiegħda teqred il-qroll u l-ambjent delikat fejn jikber. (*par.4*)

______________________________________________________________________(1)

5.a) Għaliex ħafna turisti jżuru r-reġjuni fejn jikber il-qroll? ________________________________

______________________________________________________________________(1)

b) Għid kif dawn ir-reġjuni jenħtiġilhom joqogħdu attenti biex ma jitħassarx l-ambjent ta' dawn l-iskollijiet. (*par.5*) ______________________________________________________(1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

6. *Fi**hom** u madwar**hom** jgħix kwart ta' l-ispeċi kollha tal-baħar.*( *par.1*) Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom **hom** fil-kelmiet ***fihom** u madwar**hom***? ______________________________ (1)

7. *L-iskollijiet tal-qroll huma famużi għall-ġmiel u l-ħajja li fihom, għalhekk jipprovdu attrazzjoni kbira.* (*par.5*) Ikteb il-kelma li qiegħda tgħaqqad iż-żewġ partijiet tas-sentenza. ____________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

8. Mit-tieni paragrafu sib il-kelma li taqbel ma': kwalitajiet - _________ viċin - _________ (2)

9. Agħti kelma minflok:

jipprovdu (*par. 2*) - ___________________ famużi (*par. 5*) - ________________________ (2)

### (iii) SINTASSI/SENTENZA

10. Għaqqad iż-żewġ sentenzi bi frażi jew kelma iżda tużax il-konġunzjoni **u**.

*Theddida oħra hija s-sajd esaġerat. Aktar ma tiżdied il-popolazzjoni fid-dinja, aktar qiegħed jinqabad ħut minn madwar l-iskollijiet.* (*par. 4*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

Wieġeb il-mistoqsijiet. (13-il marka)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | *Il-qroll huwa wkoll imfittex għaliex* ***għandu*** *forom u kuluri sbieħ...* (*par. 4*) – Liema huwa l-pronom fil-kelma b'tipa skur? | _______________ | (1) |
| 12. | Ikteb kelma waħda minflok: il-ħajja ta' l-iskollijiet tal-qroll | _______________ | (1) |
| 13. | *Aktar ma tiżdied il-popolazzjoni fid-dinja, aktar qiegħed jinqabad ħut minn madwar l-iskollijiet.* ( *par. 4*) Mis-sentenza sib u ikteb: **partiċella magħżula** | _____________ | (1) |
| 14. | Ikteb il-partiċella t-tajba.<br>It-turisti wkoll iridu jibżgħu (għal, għall-) ambjent naturali. | _____________ | (1) |
| 15. | Biddel in-numri fi kliem.<br><br>a) Kienu salvati (3) ____________ ifkieren.<br>b) (8) itfal<br>ċ) (8) minn sħabhom<br>d) (8) darbiet | a) _____________<br>b) _____________<br>ċ) _____________<br>d) _____________ | (1)<br>(1)<br>(1)<br>(1) |
| 16. | Oħroġ kelma miz-zokk morfemiku **form.** | ____________ | (1) |
| 17. | Sib u ikteb verb kwadrillitteru mit-tieni paragrafu. | _______________ | (1) |
| 18. | Agħti l-konsonanti ta' l-għerq tal-verb: **jiddardar** | _______________ | (1) |
| 19. | Biddel is-sentenza fil-plural. **Huwa sajjar.** | _______________ | (1) |
| 20. | Biddel il-verb fin-negattiv. **jieħu** | ______________ | (1) |

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

# Qwiel – Xiri u Negozju

(a) Kompli l-qwiel billi timla b'kelma waħda l-vojt tas-sentenza.

1. Jgħidu li għall- _______________ għajn waħda u għax-xerrej _______________ għajn. (2)

2. Jgħidu li għan-negozju trid tkun _______________ għalih. (1)

3. Bin is- _________________ għandu nofsha. (1)

(b) Agħżel qawl **WIEĦED** minn (a) u ikteb sentenza bih biex toħroġ it-tifsira tiegħu.

4. ________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________ (2)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Ħabibek ċempillek biex jistaqsik dwar kif jista' jasal iċ-*Ċentru taż-Żgħażagħ* fir-raħal tiegħek fejn se ssir maratona tal-kant. Fil-forma ta' mistoqsija min-naħa tiegħu u tweġiba min-naħa tiegħek, agħtih id-direzzjonijiet dwar fejn jinsab iċ-Ċentru. (Ikteb madwar sittin kelma.)

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (8 marki)

Agħti tagħrif siewi dwar wieħed mill-personaġġi li ta sehmu fil-kultura Maltija. (Ikteb madwar sittin kelma.)

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**F. (i) LETTERATURA - POEŻIJA** (14-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

## A. Nadriet 2

### GELMUS ta' Ġorġ Zammit

Fuq għoljitek, Gelmus, irrid nitla',
Fuq għoljitek il-ġid tal-Mulej:
Kull fejn timraħ il-ħarsa, madwarek,
Mill-Ġurdan u Għar Ilma, sa fej'
L-ikħal baħar fost l-ibħra jgħassislek
Lil din artek minn hawn u minn hemm,
Ma tarax ħlief il-barka li tfejjaq
Bi ġmielek kull semm.



1. Lil min qiegħed jindirizza l-poeta? ______________________________ (1)

2. Ikteb żewġ kelmiet li qegħdin juru t-tajjeb f'dan l-ambjent sabiħ. __________ __________ (2)

3. Ikteb personifikazzjoni.______________________________ (1)

4. L-istrofi ta' din il-poeżija jissejħu ______________________________ (1)

5. Fl-għeluq ta' din il-poeżija ...

i) X'ħa miegħu l-poeta? ______________________________(1)

ii) Biex saqqieha? ______________________________ (1)

iii) Għaliex il-poeta ried jibqa' jsaqqiha? ______________________________

______________________________ (1)

6. Bħall-poeżija *Gelmus*, il-poeżija *Id-Dwejra* ta' Joe Friggieri hija wkoll ambjentata f'Għawdex. F'madwar ħamsa u għoxrin kelma agħti l-ħsieb tal-poeżija.



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

**B. AKTAR NADRIET POETIĊI**

| |
|---|
| *Settembru* ta' Wallace Ph. Gulia, *Sjesta Maltija* ta' Kilin, *Ġunju* ta' Dun Karm, *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* ta' Rena Balzan, *Fil-Menqa* ta' Ġorġ Peresso |

X'messaġġ fiha l-poeżija li inti għażilt mil-lista? (Ikteb madwar għoxrin kelma.)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (18-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A. Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit (6 marki)

L-istejjer *Nies Bla Sabar* u *Iż-Żewġ Seksieka* jlaqqgħuna ma' karattri deskritti tajjeb minn Temi Zammit. Agħżel **WAĦDA** minn dawn u f'madwar ħamsin kelma ikteb dwar il-karattru msemmi fl-istorja. (Ikteb fuq karta separata.)

**B. Ħolm tal-Milied?** ta' Trevor Żahra (12-il marka)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar mitt kelma. (Ikteb fuq karta separata.)

1. "Nann," qalilha minn taħt l-ilsien, "Betti marida ħafna. M'għandha lil ħadd. Hija u zijitha se jqattgħu l-Milied waħidhom... l-istess kif kontu se tkunu inti u x-xiħ kieku ma ġejtx jien. Imma lkoll flimkien naqsmu l-ferħ bejnietna u l-Bambin iberikna."

   X'deċiżjoni ħadet ix-xiħa wara dan il-kliem? Ikteb dwar il-mawra għand Betti u z-zija Ċens.

**JEW**

2. Sebaħ lejlet il-Milied fil-għodu... "Le, le," wieġeb Leli, "ħalluh ħa jagħmilha t-tifel l-ieħor. Jiena ġa għamiltha darbtejn oħra!"

   Irrakkonta dak li għadda minnu Leli u l-familja tiegħu tul din il-ġurnata.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 200 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata.)

1. Sa fl-aħħar għandi l-kamra tiegħi! Agħti deskrizzjoni ta' din il-kamra li għandek fid-dar il-ġdida.
2. Mort noqgħod f'raħal ieħor. X'differenza mir-raħal fejn kont noqgħod qabel! Oħroġ id-differenza bejn iż-żewġ irħula.
3. Esperjenza taħt il-baħar. X'għaġeb tal-ħolqien!
4. ... imnalla smajt minn ommi u mort il-librerija li fetaħ dan l-aħħar il-Kunsill Lokali tal-lokal tagħna.
5. Għasfur jitkellem dwar dak li qiegħed jara minn fuq is-siġra fejn jinsab.